GUDJA

Minuti tat-tlieta u tlettin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 05 t'Ottubru 2011.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| | Sindku: | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku: | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli |
| Skużat: | Kunsillier: | Osvaldo Pace |

1. Approvazzjoni ta' minuti – 32/6 (31/08/2011)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq u bankini fi Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun, Triq il-Kappillan u Triq William Baker Gudja - Progress

5. Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar - Progess

6. Trasport Pubbliku - Progress

7. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 32/6 (31/08/2011)**

1.1.0 Qari ta' minuti.

1.1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-31 ta' Awwissu 2011 li ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija.

1.2.0 Approvazzjoni ta' minuti 32/6 (31/08/2011)

1.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-31 t'Awwissu 2011 ġew approvati nem con.

1.3.0 Affarijiet li tqajmu mill-minuti

1.3.1 Tema 2.3.3(c). Attivita minn Live Tribute Band Rolling Stones li ġiet imtella mis-Soċjeta Filarmonika La Stella fi Triq Bir Miftuħ Gudja.

Is-Sur Dalli qal li xtaq jispjega li meta marru l-Pulizija fuq il-post huwa ma kienx hemm. Is-Sur Dalli qal illi waqt l-intervent waqt il-laqgħa tal-Kunsill il-ħsieb tiegħu kien li jressaq ilment quddiem il-Kunsill dwar dak li ġara.

1.3.2 Tema 2.3.3(d) Xogħol fi Triq il-Kbira, Gudja. Is-Sur Dalli qal li din it-triq għandha bżonn li tiġi rranġata sewwa u fakkar li dan kien ġie imwiegħed lin-nies fil-programm elettorali.

1.3.3 Tema 2.2.1. Lampa fi Triq l-Awrekarja, Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li dwar din il-kwistjoni huwa kien talab laqgħa informali mal-familja Tabone. Is-Sur Baldacchino qal li xtaq juri l-apprezzament tiegħu u tal-Kunsill għal ko-operazzjoni tal-familja Tabone u issa din il-lampa inqalgħet u li twaħlet ftit il-fuq minfejn kienet imwaħla.

Il-Kunsill qabel unanimament li titbagħat ittra formali mill-Kunsill sabiex tirringrazzja lill-familja Tabone għall-koperazzjoni mal-Kunsill.

Il-Kunsill filwaqt li qabel li issa dan il-każ ghandu jiġi konsidrat bħala magħluq irringrazzja lis-Sur Baldacchino għal mod kif ħadem is-Sur Baldacchino li solva dan il-każ mingħajr il-ħtieġa ta' spejjeż żejda għall-Kunsill.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku - Sur John-Mary Calleja

2.1.1 Parking bays fi Triq l-Awrekarja Gudja. Is-Sindku qal li hemm bżonn ta' erba' parking bays fi Triq l-Awrekarja u Vjal it-Torri għar-residenti li għandhom bżonnijiet speċjali. Is-Sindku qal li kaxxa safra għandha issir b'urġenza quddiem id-dar 25, Romina, Triq l-Awrekarja Gudja għaliex din il-persuna għandha ukoll il-karta dwar id-diżabilita u jixiriqilhom li tiġi mgħejjuna.

Is-Sindku qal li hemm bżonn ukoll ta' kaxxa safra quddiem id-dar numru 33 u d-dar nru 36 fl-istess Triq l-Awrekarja peress li f'dawn ir-residenti hemm persuni li jrid ikollhom aċċess liberu u bla tfixkil peress li frekwentament jiġu mgħejjuna joħorġu mid-dar bl-ambulanza u mezzi oħra ta' transport speċallizzat għal sptar u bżonnijiet oħra dwar is-saħħa. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku u qabel ukoll li dan ix-xogħol isir mill-aktar fiss possibli.

2.1.2 Kaxxa safra quddiem nru 170 fi Vjal it-Torri Gudja. Is-Sindku qal li kien qed jirrakkomanda sabiex issir kaxxa safra quddiem il-bieb u b'wisgħa ta' wheel chair sabiex dan it-tifel b'diżabilita jkun jista' joħroġ minn dar u bla ebda tfixkil.

2.1.3 Eżerċizju ta' Traffic management sabiex isiru żoni għar-residenti tal-Gudja biss u oħrajn. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex issiru żoni għar-residenti tal-Gudja biss u oħrajn b'ħin limitat sabiex l-effett ħażin li qed jinħass mir-residenti tal-Gudja minħabba li persuni li ma joqgħodux il-Gudja qed jipparkjaw il-vetturi taghhom u jmorru l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja u anke jħalli l-pajjiż u jipparkajw il-vetturi tagħhom fit-toroq tal-Gudja.

2.1.4 Irħama dwar l-elezzjonijiet ta' ħatra ta' Sindku. Is-Sindku qal li t-terminu u l-elezzjonijiet tal-Kunsill u l-ħatra ta' Sindku għandhom ikunu speċifiċi u mhux b'forma ta' kontinwita'. Is-Sindku qal huwa meħtieġ li jsir xogħol fuq l-irħama li tinsab fil-kamra fejn jiltaqa l-Kunsill sabiex turi d-dati speċifiċi tat-terminu.

2.1.5 Attivita minn Live Tribute Band Rolling Stones li ġiet mtella mis-Soċjeta Filarmonika La Stella fi Triq Bir Miftuħ, Gudja. Is-Sindku qali li huwa xtaq jirringrazzjak lis-Sur Dalli talli kien ġibidlu l-attenzjoni dwar l-intervent tal-pulizija u dwar li kien qed jintqal li dan l-intervent tal-pulizija kien sar fuq talba tas-Sindku.

Is-Sindku ċaħad dan u qal li huwa stess talab lill-pulizija sabiex jagħmluha ċara li huwa (Sindku) ma kinex involut f'dan il-każ u li jidher li l-pulizija marru fuq il-post minn rajhom u mingħajr ma bagħathom ħadd. Jidher li meta inbidel is-shift il-pulizija ma kienux jafu li ma hemm ebda problema u għalhekk marru fuq il-post sempliċiment bħala rutina.

Is-Sindku qal li jixtieq jerġa jagħmilha ċara li huwa jinkoraġġixxi kull attivita li tiġi organizzata gewwa l-Gudja u li tagħmel ġiegħ lill-Gudja.

2.1.6 Ċint ta' ilqugħ biswit razzett fit-tarf ta' Triq Ħal Resqun Gudja. Is-Sindku qal li qed jaqa' l-ilma li qed jagħmel ħsara u għalhekk għandu jisr xogħol sabiex issir ilqugħ xieraq. Is-Sindku qal li huwa kien diġa talab il-Perit tal-Kunsill sabiex joħroġ stimi tax-xogħol li m'għandhomx jaqbżu l-€1600.00

Il-Kunsill qabel li għandhom joħorġu l-kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol wara li l-Kunsill jirċievi l-istimi tal-Perit William Lewis.

2.1.7 Rampa biswit għalqa fi Triq Ħal Resqun Gudja. Is-Sindku qal li kienet qed tinġibdlu l-attenzjoni li din i-rampa biswit l-għalqa ta' ċertu Sur John Agius kienet qed tikkawża inkonvenjent billi l-ħamrija tiskula fit-triq u li anke tfixkel it-traffiku u lill min ikun għaddej fuq din in-naħa ta' triq.

Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lis-Sur John Agius sabiex titneħħa din ir-rampa.

2.1.8 Laqgħa ma' Uffiċjali ta' Trasport Malta fit-12 t'Ottubru 2011 fit-3.30p.m. Is-Sindku qal li wara tentattivi sabiex l-Kunsill jiltaqa' ma' uffiċjali ta' Trasport Malta u jressaq l-ilmenti tar-residenti tal-Gudja u jaħdem sabiex tinkiseb soluzzjoni, Trasport Malta infurmat lill-Kunsill b'dan l-appuntament.

Is-Sindku ħeġġeġ sabiex l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti għal din il-laqgħa sabiex jinkiseb il-progress dwar it-Trasport Pubbliku u li l-Arriva tkun ta' servizz aħjar u fl-aħjar interess għar-resdienti tal-Gudja

2.1.9 Proġett fil-Qasam tad-Djar li qed issir flimkien ma' l-Awtorita tad-Djar f'Tal-Mitħna Gudja. Is-Sindku qal li x-xogħol miexi iżda hemm il-ħtieġa li ssir laqgħa mal-Perit ta' l-Awtorita tad-Djar u l-Peri tal-Kunsill sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni dwar ir-rampa.

Il-Kunsill qabel illi l-area dwar il-parking tibqa l-istess kif kien ippjanat u maqbul mal-Perit ta' l-Awtorita tad-Djar

2.2.0 Viċi-Sindku – Sur Romeo Baldacchino

2.2.1 Parteċipazzjoni fil-Clean Up the World Campaign. Tindif fi trejqa li minn Dawret il-Gudja tagħti għal Arjuport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li kien ta' sodisfazzjoni għalih u għall-Kunsill li jipparteċipa f'din il-ħidma mal-McDonalds għaliex sar tindif sewwa f'din it-trejqa li bi ftit xogħol ieħor tkun tista' tintuża sewwa minn dawk il-persuni li jkunu jridu jagħmlu l-mixja tagħhom fil-kampanja ta' l-inħawi ta' Bir Miftuħ u jaqsmu lejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed jaħdem sabiex ix-xtiebi li hemm f'din it-trejqa ssiru kollha ta' l-injam u li jkunu simili bħal dawk li għamlet l-MRRA f'Dawret il-Gudja fi żmien taż-żjara tal-Papa Benedittu f'Malta.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali sabiex an id-Dipartiment jagħti l-għajnuna tiegħu dwar dawn ix-xtiebi tal-injam għaliex b'hekk b'ħidma konġunta ikun hemm ambjent sabiħ li jħajjar aktar użu ta' mixjiet fil-kampanja storika tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li kien

qed jaħdem ukoll sabiex fid-daħla ta' din it-trejqa fuq ix-xaqliba ta' l-Ajruport Internazzjonali issir forma ta' bieb miftuħ bl-isem

Bir Miftuħ Gudja
Passaġ Kulturali mill-Ajruport Internazzjonali, Gudja

Il-Kunsill qabel li din l-inizjattiva għandha titkompla u li jagħti s-sostenn kif ikun meħtieġ sabiex dan il-proġett jitlesta b'suċċess b'risq ir-residenti tal-Gudja.

2.2.2 Rampa jew taraġ quddiem id-daħla prinċipali ta' l-Ajruport Internazzjonali Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-inħawi storiċi tal-Kappella ta' Bir Miftuħ mhux aċċessibli faċilment u għalhekk huwa qal li kien qed jissuġerixxi proġett dwar taraġ jew rampa f'dak l-ispajzu vojt li hemm f'Bir Miftuħ taħt it-triq u sew din ir-rampa jew taraġ għandhom iwasslu għat-triq faċċata tad-daħla prinċipali ta' l-Ajruport Internazzjonali, Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li meta dan il-proġett iseħħ kemm Maltin kif ukoll turisti li jkunu jridu jżuru kemm il-Kappella storika kif ukoll l-inħawi tal-madwar ikunu jistgħu jagħmlu dan bl-aktar faċilita.

Il-Kunsill qabel li għandu jaħdem fuq dan il-proġett billi jikseb aktar tagħrif mingħand il-Perit William Lewis dwar stimi u permessi meħtieġa u dwar jekk hux possibli rampa jew taraġ sabiex jinħoloq l-aċċess meħtieġ.

2.2.3 Manutenzzjoni u żebgħa fi Ġnien Xlejli/Ġnien Ġlormu Cassar Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed issir xogħol ta' żebgħa u manutenzzjoni f'dna il-Ġnien u li kien qed jara l-aħjar mezz sabiex ikun hemm funtana li tkun tista' taħdem fl-anqas spejjeż u li ma tkunx teħtiġilha ħafna manutenzzjoni.

2.2.4 Attivita li tilqa s-sena l-Ġdida 2012. Is-Sur Baldacchino qal li għal żmien il-Milied ikun hawn ħafna attivitajiet iżda peress li jkunu numeruża l-attendenza żgur li ma tagħtix ġieħ lil dik il-ħidma li tkun saret mill-organizzaturi u anekk l-flus li jkunu ntefqu sabiex tittella l-attivita. Għalhekk l-attivita ta' din is-sena sejra tkun il-Ħadd 08 ta' Jannar 2012 u huwa ittamat li għandha tiġbed ħafna nies kemm Gudjani kif ukoll minn bnadi oħra ta' Malta u Għawdex kif ukoll turisti.

Is-Sur Baldacchino qal li fi ftit kliem din l-attivita sejra tikkonsisti f'kor, żewġ baned, artiġjan, parti letterarja, folklor u ikel u xorb bħala serata ta' kultura u divertiment fuq skala lokali u nazzjonali. Hemm ukoll il-possibilita li jkun hemm parteċipazzjoni ta' kulturi barranin kif ukoll kantanti Malti ta' fama internazzjonali.

Is-Sur Baldacchino qal li l-program għadu qed jiġi prepparat iżda jidher li din l-attivita tista' tiġi itswa madwar €6500 u dwar dan il-

Kunsill diġa applika għall-fondi ta' €5000 (il-massimu li seta' japplika).

Is-Sur Baldacchino qal li hemm il-ħsieb li jkun hemm fjakkolata u għalhekk sejrin jibdew jinġabru bottijiet u landi sabiex dawn jintlew bir-ramel u l-pitrolju li meta jinxtelgħu jagħtu dehru ferm sabiħa ta' dawn l-inħawi ta' Bir Miftuħ.

Il-Kunsill qabel li jkompli jaħdem dwar din l-attivita u l-kunsilliera kolha preżenti qablu li jaħdmu mas-Sur Baldacchino f'diversi oqsma sabiex din l-attivita tkun suċċess.

2.2.5 Playing Fields fi Ġnien R. Caruana, Ġnien G. Cassar u Playing field ta' quddiem Palazzo d'Aurel. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed issiru preparazzjoni sabiex il-Kunsill jissottometti applikazzjoni dwar il-finanzjament ta' titjib (billi jinbidlu xi bandli u apparat ieħor li skond l-opinjoni jidrilhom li jkunu perikolużi) u tisbieħ sabiex dawn il-playgrounds ikunu jistħu jidgawdew aħjar mingħar ir-riskju żejjed li jkun hemm xi korriment.

Is-Sur Baldacchino qal li jidher li ħafna mill-apparat li hemm fi Ġnien R. Caruana kif ukoll fil-playing field biswit il-ground tal-football biswit il-Palazz ta' Bettina għandu jinbidel għaliex huwa konsidrata bħala perikoluża. Il-Kunsill qabel li filwaqt li għandu jkompli bl-applikazzjoni dwar il-fondi, għandu wkoll jieħu konjuzjoni tal-kontenut tar-rapport dwar dawn il-playingfields meta dan jasal għand il-Kunsill bil-ħsieb li jitneħħa l-periklu anke jekk ikun hemm bzonn jagħlaq xi playing field jew parti mill-apparat eżistenti.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Mark Anthony Sammut

a. Kors ta' taħriġ mal-Aġenzija Żgħażagħ. Is-Sur Sammut qal illi din l-Aġenzija qed toffri kors ta' taħriġ li jikkonsisti f'sitt sezzjonijiet li huwa utili għal formazzjoni taż-żgħażagħ.

Dan il-kors jiswa €300 li minnhom il-Kunsill iħallas €150 u l-€150 titħallas mill-Aġenzija Żgħażagħ. Is-Sur Sammut qal ukoll li l-kors ssir jekk ikun hemm minimu ta' 10 persuni.

Il-Kunsill qabel li japplika għal dan il-kors u li jħallas is-sehem tiegħu. Dan il-kors sejjer issr f'Dar taż-Żgħażagħ ġewwa l-Gudja u t-tema proposta hija 'L-Għażla ta' Leadership u l-Kreattivita'.

b. Skema t'attivitajiet sportivi mal-KMS. Is-Sur Sammut informal ill-Kunsill li reġgħu ħarġu l-applikazzjonijiet għas-sena 2012. Is-Sur Sammut qal li peress li dawn l-iskemi fil-passat kienu ta' suċċess u li ntlaqgħu sewwa minn nies tal-Gudja huwa kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jerġa japplika li jipparteċipa f'dawn l-iskemi fuq bażi li l-KMS toħroġ nofs l-ispejjeż u l-Kunsill joħroġ nofs l-ispejjeż l-oħra.

F'dan l-istadju s-Sur Baldacchino qal ukoll illi l-programm jista' ukoll jinfirex billi jkun hemm użu tal-ground tal-Gudja United FC skond il-ftehim li hemm mal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jerġa japplika sabiex ukoll jipparteċipa mal-KMS fil-programm tas-sena 2012 u li jagħmel aktar użu mill-ground tal-Gudja United FC peress li bit-truf u jkun aktar tajjeb għall-taħriġ sportiv.

c. Pendenzi mat-Trasport Malta. Sur Sammut talab sabiex jingħata lista t'affarijiet pendenti mat-Trasport Malta sabiex ikun jista' jgħin f'dawk l-affarijiet li jinsabu pendenti.

2.3.2 Sur Osvaldo Pace.

a. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-Kunsillier O Pace kien infurmah illi huwa kien qed jaħdem fl-oqsma tad-dekasteru tiegħu fosthom dwar il-mappa turistika tal-Gudja, l-Orkestra tal-Kunsill u l-Fondazzjoni Wirt il-Gudja.

2.3.3 Sur Anthony Dalli

a. Ħidma fiċ-Ċentru ta' Taħriġ u Tagħlim tul il-Ħajja. Is-Sur Dalli qal li bi qbil mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif ukoll mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, f'dan iċ-Ċentru se jkun hemm korsijiet tal-lingwa Ingliża, Taljana, Ġermaniża kif ukoll Energy Saving Initiative Scheme.

Is-Sur Dalli qal li dan iċ-ċentru qed jintuża erba' darbiet fil-Ġimgħa bejn il-5.00p.m. sat-8.00p.m. F'dawn il-korsijiet hemm ħafna parteċipanti mill-Gudja kif ukoll xi ftit persuni li mhux residenti fil-Gudja.

Is-Sur Dalli qal li dan iċ-ċentru qed jintuża ukoll filgħodu u dalwaqt sejjer ikun hemm taħdida dwar kif l-anzjani jistgħu jiehdu ħsieb saħħihom aħjar matul ix-Xitwa.

Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill għadu jaħdem sabiex ikun hemm sistema ta' ko-ordinament sabiex dan ic-Centru (ĊTTĦ) jkun jista jaħdem għal ħinijiet twal. Il-Kunsill qabel ukoll li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jgħinu sabiex jitwaħħal white board fiċ-Ċentru (ĊTTĦ).

b. Traffic Lights bejn it-taf ta' Triq Ħal Resqun li taqsam għall-Ajruport Internazzjonali Gudja. Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill għandu jinsisti li għandu jkun hemm mezzi sabiex dawk li jkunu jridu jaqsmu t-triq ta' dawn l-inħawi jagħmlu da b'mod sigur u mhux li jipperikolaw ħajjithom.

c. Parking għar-residenti u l-uzu ta' l-arloġġ dwar l-ipparkjar għal perusni li mhux residenti fil-Gudja. Is-Sur Dalli qal li s-sitwazzjoni tal-ipparkjar f'ħafna nħawi tal-Gudja tinsab fi problema kbira speċjalment fl-inħawi qrib l-Ajruport bħal ma huma Triq Ħal

Resqun, Triq de Warsbergh, Triq Bir Miftuħ u oħrajn. Il-Kunsill qabel li għandu japplika lit-TM dwar l-użu tal-arloġġ tal-parkeġġ u li jkun hemm skemi għar-residenti u bil-ħin kif imħadma fil-Belt Valletta.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-lista t'ilmenti illi dawn jiġu konsidrati malli jaslu għand il-Kunsill sabiex kull inkonvenjent jitenħħa bla dewmien.

3.1.2 Sleeping policeman fi Triq F. Castagna ma' Vjal it-Torri Gudja. Il-Kunsill ra li qiegħed ikun hemm sewqan esaġerrat li jista' iwassal anke għal xi inċident li jista' ikun fatali speċjalment li fil-qrib hemm skola tat-tfal. Il-Kunsill qabel li japplika sabiex issir sleeping policeman u b'hekk jonqos dan ir-riskju u periklu li hemm preżenti minħabba l-irresponsabilita ta' xi sewwieqa.

3.1.3 Single yellow line fi Triq Ħal Resqun Gudja. Il-Kunsill ra li qiegħed ikun hemm ipparkjar ħażin mal-ħajt ta' fejn hemm l-għelieqi fi Triq Ħal Resqun bil-konsegwenza li t-traffiku ma jkunx jista' jgħaddi sewwa kif ukoll ikun diffiċli li joħroġu l-vetturi mill-garaxxijiet rispettivi f'din it-triq.

Il-Kunsill qabel li japplika għand TM sabiex jingħata permess li jagħmel dan is-single yellow line matul it-triq fuq in-naħa ta' l-għelieqi fi Triq Ħal Resqun, skond kif ikun meħtieġ u b'hekk jitneħħa l-inkonvenjet meta jsir l-ipparkjar fuq din in-naħa tat-triq.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-kontenut ta' l-ittri li ntbagħatu u qabel li jkompli jsegwi l-progress meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-kontenut ta' l-ittri li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-progress meħtieġ.

## 4. Proġett ta' toroq u bankini fi Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun, Triq il-Kappillan u Triq William Baker Gudja - Progress

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li dawn ix-xogħlijiet issa jinsabu lesti u li fadal li jsiru l-kontijiet flimkien mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi konsidrat l-ammont dovut wara li diġa saru xi pagamenti mill-Kunsill kif ukoll jitnaqsu l-multi dwar in-nuqqasijiet tal-kuntrattur.

4.2 F'dan l-istadju wara li ġie kunsidrat bejn wieħed u ieħor l-ammont li jista' ikun dovut lill-kuntrattur, il-Kunsill qabel li jawtorizza l-pagament ieħor akkont fis-somma ta' €15000.00

4.3 Dwar il-ħsarat li ġew osservati fi Triq Ħal Resqun u Triq il-Kappillan, il-Kunsill qabel li dawn jiġu konsiderati fi stadju oħra iżda l-Kunsill għandu jżomm parti tal-ammont kif mitlub mill-kuntrattur sabiex ikun jista' jagħmel tajjeb għall-dawn il-ħsarat u x-xogħol li l-Kunsill jidirlu li ma sarx skond il-kwalita u standards meħtieġa.

## 5.0 Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar - Progess

5.1 Il-Kunsill ġie infurmat li xogħol miexi iżda l-progress jiddependi mill-permessi tal-WSC li jidher li qed idumu biex jinħarġu u għalhekk ix-xogħol qed ikollu jnaqqas ir-ritmu. Il-Kunsill ġie wkoll infurmat illi saru taħdidiet mal-Perit tal-Awtorita tad-Djar u l-Perit tal-Kunsill dwar dan u dwar ir-rampa proposta u jidher li din ir-rampa tista' issir aħjar jekk tersaq ftit fuq in-naħa fejn fil-preżent hemm skart u borġ imbarazz fl-għalqa li tmiss ma' din ir-rampa kif proposta.

5.2 Dwar il-parti li tirrigwarda kemm l-aspetti edukattivi, soċjali u umani ta' dan il-proġett il-Kunsill ġie infurmat li l-kwestjonarju (fil-parti l-kbira tiegħu jinsab għand il-Kunsill, u l-Homework Club jinsabu mexjin. Dwar l-aspetti soċjali l-Kunsill qed jaħdem ma' l-Agenzija Sedqa sabiex ikun aktar effettiv fil-ħidma u jkun hemm aktar suċċes fit-tul sabiex ir-residenti jkollhom ħajja aħjar kif mixtieq mill-proġett.

## 6. Trasport Pubbliku - Progress

6.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni ta' l-ilmenti li persistantament qed jaslu għandu il-Kunsill u qabel li jkun hemm laqgħat ma' Uffiċjali responsabbli ta' TM kif ukoll uffiċjali għolja ta' Arriva Malta sabiex jilqgħu l-ħtiġijiet tar-resdienti tal-Gudja u li filwaqt ikunu jistgħu jinqdew aħjar bit-trasport pubbliku jkun jistgħu ukoll jagħmlu s-suċċess mixtieq fl-aktar użu tat-trasport pubbliku u li jnaqsu l-ħtieġa ta' l-użu tat-trasport privat.

## 7.0 Finanzi

7.1.0 Petty Cash

7.1.1 L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Awwissu 2011 b'ammont ta' €32.03 ġie approvat kif ippreżentat.

7.2.0 Skeda ta' pagamenti

7.2.1 L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2011 għas-somma ta' €16242.05 ġiet approvat kif ppreżentata wara li ġew

imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess keda tal-pagament.

7.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7.3.1 Għotien għat-toqob tal-arbli tal-festi. Il-Kunsill qabel li jinxtraw l-għotien kbar (12) u żgħar (4) kif meħtieġ.

7.3.2 Ċangatura għar-rampa u xogħol ta' bini ta' ħajt tas-sejjiegħ u xogħol ieħor fi trejqa faċċata tal-Ajruport Internazzjonali fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol u qabel li jsir il-finanzjament kif meħtieġ għaliex dan ikompli jagħti possibilita li kemm il-Gudjani u nies oħra jkunu jistgħu japprezzaw iżjed il-kampanja u l-postijiet storiċi u kulturali fil-Gudja.

7.3.3 Il-Kunsill qabel ukoll li jsir il-finanzjament ta' xogħol u servizzi li jissemew f'partijiet oħra ta' dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 8.0 Għeluq tal-laqgħa

8.1 Gabbani (kiosk) għall-festa taċ-Ċintura. Il-Kunsill qabel li jsir l-istess arranġamenti bħal ma sar fil-festa tar-Rużarju.

8.2 Tindif ta' culverts fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li jsir it-tindif tal-culverts fi Triq il-Kbira u postijiet oħra kif meħtieġ.

8.3 L-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-konfini tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li din it-tema tibqa tidher fil-minuti sakemm ikun hemm is-suċċess meħtieġ.

8.4 Ħajt ta' periklu u tfixkil fi Triq San Ciru Gudja. Il-Kunsill qabel li jinsisti mal-MEPA sabiex tiġi inforzata l-liġi u li jitneħħa l-periklu u l-inkonvenjent għaliex dan il-ħajt kif jinstab ma jistax jibqa kif jinsab speċjalment meta jidher li l-proġett tal-bini jinsab abbandunat.

8.5 Trasport pubbliku għar-residenti tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li din it-tema għandha tibqa tiġi konsidrata mill-Kunsill sakemm ir-residneti tal-Gudja jkunu sodisfatti b'dan is-servizz.

8.6 JChallenge @Gudja – Youth village 11-13 ta' Novembru 2011 fil-Gudja. Il-Kunsill, li huwa wieħed mill-kollaboraturi f'dan il-proġett, qabel li jagħti s-support u sostenn meħtieġ u awtorizza li jsir l-finanzjament relattiv tal-partijiet li jidħol għalihom il-Kunsill

8.7 Talba sabiex issir Traffic Management exercise sabiex fil-Gudja speċjalment f'inħawi qrib l-Ajruport Internazzjonali jkun hemm parkeġġ għar-residenti biss kif ukoll ssir parkeġġ bil-ħin. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lit-TM sabiex tagħmel dan l-eżerċizju bil-għan li jinkisbu l-permessi meħtieġa u b'hekk ir-residenti tal-Gudja jkunu jistgħu jipparkjaw l-vetturi tagħhom mingħajr tfixkil żejjed li qed jinħoloq peress li ħafna nies qed jipparkjaw il-vetturi tagħhom fit-

toroq tal-Gudja u jaqsmu lejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja.

Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45p.m. u ġiet aġġornata għall-04 ta' Novembru 2011 fis-6.00p.m. fuq agenda li tiġi komunikata qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________